# Il-Kan. Dun Emanuel Brincat

## *L-Eroj Li Dejjem Kien Qrib in-Nies*

James Farrugia B.A. (Hons.) M. Dip



### Malta fl-1943

Malta fl-1943 bdiet tistejqer wara li sofriet bumbardamenti estensivi. L-1942 kienet sena rekord għall-bumbardamenti u x-xahar ta' April tal-1942 kien l-agħar xahar tas-sena. Il-Maltin kienu f'xifer il-mewt bil-ġuħ u kienet l-'Operation Pedestal' f'Awwissu tal-1942 li salvathom minn mewt ċerta. Fil-bidu tal-1943 il-provvisti tal-ikel kienu biżżejjed għal kulħadd u wara l-invażjoni ta' Sqallija, fis-sajf, Malta virtwalment kienet barra mill-konflitt.

Malta kienet attakkata iżda ma kinetx mirbuħa, kienet f'xifer kapitulazzjoni iżda rnexxielha teħlisha u meta l-folja nqalbet, ħarġet rebbieħa flimkien mal-alleati. Iż-żoni l-aktar milquta kienu ż-żona tal-Port il-Kbir, it-tlett ibliet, l-Isla (Senglea) u l-Birgu flimkien mal-belt kapitali Valletta u s-subborgi tagħha.

L-Isla billi kienet tmiss mat-Tarzna, sofriet l-agħar attakki mill-1941 sal-aħħar tal-1942, u rreġistrat bosta mwiet u qerda bħala konsegwenza tal-bumbardamenti. L-Isla kellha tinbena mill-ġdid wara l-gwerra, inkluża l-Bażilika tagħha li ġarrbet ħsarat estensivi bl-attakki f'April tal-1942.

Bħala riżultat tal-ħbit mill-ajru ħafna nies ħallew dawn l-ibliet biex ifittxu kenn f'postijiet aktar kennija fil-parti ta' fuq ta' Malta u l-popolazzjoni tagħhom naqset drastikament. L-Isla per eżempju qabel il-gwerra kellha popolazzjoni ta' kważi 8,000 ruħ. Popolazzjoni li malli spiċċat il-gwerra niżlet għal anqas minn 3,000 ruħ.

### L-Isla – mill-agunija għall-estasi

Id-dħul tal-Italja fil-gwerra flimkien mal-alleat tagħha, il-Ġermanja, fissret li l-gwerra resqet lejn xtutna. Bi Franza fl-agunija u f'xifer ta' kapitulazzjoni għall-Ġermanja Nażista, il-ħolma tad-'Duce' li jagħmel il-Mediterran, 'Mare Nostrum' (il-baħar tagħna), bħal fi żmien l-Imperu Ruman kienet fil-fehma tiegħu qrib li sseħħ. Mussolini ħaseb li dan seta' jsir biss jekk l-Italja tidħol fil-gwerra flimkien mal-alleat tagħha, il-Ġermanja. F'Ġunju tal-1940 Franza ċediet u bl-Istati Uniti mhux involuta fil-gwerra (almenu sal-aħħar tal-1941), l-Ingilterra tħalliet waħedha tħabbatha mat-theddida tal-assi. Bil-ħruġ mix-xena ta' Franza u l-Ingilterra medhija fil-battalja f'darha, l-offensiva tad-Duce għas-supremazija fil-Mediterran bdiet mal-għodwa tal-11 ta' Ġunju tal-1940 (ġurnata wara l-famuża dikjarazzjoni ta' gwerra mill-gallarija ta' Palazzo Venezia f'Ruma). Inevitabbilment l-ewwel offensiva kontra l-Ingilterra fil-Mediterran mid-Duce kienet fuq il-gżira fortizza ta' Malta.

Il-qawwiet Taljani ħabtu għal xtutna fil-għodwa tal-11 ta' Ġunju 1940. In-nies tal-Isla bdew jevakwaw lejn partijiet oħra ta' Malta aktar kennija u minn popolazzjoni ta' madwar 8,000 ruħ, wara l-ewwel attakki niżlet għal 350 biss. Is-snin tal-gwerra mill-1940 sal-1943 kienu żgur l-agħar paġni fl-istorja tal-Isla. F'dawn is-snin, din il-belt tal-Kottonera sofriet qerda, mwiet u eżodu ta' nies. Ftit xhur qabel l-ewwel ħbit mill-ajru fuq gżiritna, Rev. Emanuel Brincat kien appuntat bħala l-ħdax-il arċipriet tal-Isla. Rev. Brincat kif se naraw kien providenzjali għall-belt Sengleana, speċjalment matul iż-żmien diffiċli tal-gwerra.

### L-Arċipriet Rev. Emanuel Brincat – l-Arċipriet tal-Poplu



Il-Kan. Arċipriet
Dun Emanuel Brincat

Għalkemm Rev. Emanuel Brincat twieled Raħal Ġdid, missieru kien Senglean. Għalhekk meta hu kien appuntat arċipriet tal-Isla, ħassu li reġa' rritorna għall-oriġini tiegħu. Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, Rev. Brincat baqa' fil-belt imġarrfa bil-bombi biex jassisti lil dawk is-Sengleani li kienu determinati li jibqgħu hemm. Hu rnexxielu jġorr dak kollu

li kien prezzjuż, inkluża l-istatwa ta' Marija Bambina x'imkien iktar għall-kenn u ttrasferixxa temporanjament il-paroċċa fil-knisja tal-Porto Salvo jew kif inhi magħrufa aħjar bħala l-knisja ta' San Filippu. Hu kien maħbub u ammirat minn kulħadd fl-Isla għall-kuraġġ u d-determinazzjoni li kellu. Rev. Brincat wera li kien eroj lokali għax qatt ma abbanduna l-merħla tiegħu f'dak iż-żmien diffiċli. Hu qatt ma beża' mill-periklu li kien fih u dawk is-Sengleani li baqgħu l-Isla kienu jħarsu lejh bħala sinjal ta' tama għal ġejjieni aħjar.

## L-Isla fl-1943

L-1941 u l-1942 kienu l-agħar snin għall-Isla f'termini ta' mwiet, qerda u bumbardamenti. L-1943 wriet li kienet sena li kienet se tibqa' mfakkra pożittivament f'kull sens għas-Sengleani. F'dik is-sena, ir-Re Ġorġ VI żar din il-belt imġarrfa bil-gwerra u żar il-postijiet kollha flimkien ma' ħadd ħlief l-Arċipriet Brincat. Madankollu l-aktar ġrajja sinjifikanti tal-1943 kienet ir-ritorn tal-purċissjoni bl-istatwa ta' Marija Bambina fl-Isla. Il-purċissjoni tal-1943 se tibqa' mfakkra fil-kotba tal-istorja tagħna li ħabtet mal-aħbar tal-armistizju Taljan u li biha l-Italja kienet ċediet fit-8 ta' Settembru, liema aħbar tħabbret b'ferħ kbir mill-Arċipriet Brincat wara l-purċissjoni.


L-Arċipriet, il-Kan. Emanuel Brincat, jilqa' lir-Re Ġorġ VI ħdejn Dockyard Terrace.


Ir-Re Ġorġ VI mdawwar mal-Isla mill-Arċipriet Brincat fl-20 ta' Ġunju 1943.

## Iż-Żjara Rjali – 20 ta' Ġunju 1943

Ir-Re Ġorġ VI kellu ammirazzjoni kbira lejn il-poplu Malti għall-kuraġġ u s-sens ta' eroiżmu li wera, partikolarment matul iż-żminijiet diffiċli tal-gwerra. F'April tal-1942, il-Maestà Tiegħu, ir-Re Ġorġ VI, onora lill-Poplu Malti bl-għoti tal-George Cross u li miegħu kiteb dan il-messaġġ: "Biex nonora lill-poplu qalbieni tagħha, jien se nagħti l-George Cross lill-gżira fortizza ta' Malta ħalli jkun xhieda tal-eroiżmu u devozzjoni li jibqgħu msemmija fl-istorja."

Wara r-rebħa fl-Afrika ta' Fuq, il-ħbit mill-ajru naqas sewwa fl-1943. Ir-Re Ġorġ żar Malta bla mistenni fl-20 ta' Ġunju 1943 abbord il-bastiment HMS Aurora. Ir-Re żar l-Isla u kien akkumpanjat mill-Arċipriet Brincat. Matul il-mawra tiegħu, ir-Re baqa' mnikket b'dak li ra u kellu kliem ta' tifħir għall-kuraġġ u qlubija li wrew in-nies tal-lokal. Rev. Brincat f'messaġġ qasir esprima x-xewqa li r-Re ma jinsa qatt lil din il-belt u għal kull ma għaddiet minnu.

## Ir-ritorn tal-Bambina fl-Isla

Wara l-waqa' ta' Sqallija f'Lulju tal-1943, it-theddida tal-forzi tal-assi issa kienet majnat. Il-gżira ta' Malta stenbħet mingħajr il-ħsejjes u d-daqq tas-sireni kontra l-ħbit mill-ajru u fl-aħħar setgħet tieħu nifs ġdid. Rev. Brincat issa ra li kien opportun li l-istatwa ta' Marija Bambina tinġieb lura fl-Isla, fil-parroċċa proviżorja, fil-Knisja tal-Porto Salvo. Kien deċiż ukoll li issa li t-theddid u l-periklu kienu tbiegħdu, il-purċissjoni bl-istatwa ta' Marija Bambina terġa' tibda ssir fl-Isla wara nuqqas ta' tliet snin.

## It-8 ta' Settembru 1943

Għall-ewwel darba fi tliet snin, il-purċissjoni tat-8 ta' Settembru rritornat fl-Isla. Kien mument emozzjonali ħafna għas-Sengleani li rritornaw għal din l-okkażjoni. Kienet purċissjoni surreali qalb il-bini mġarraf b'sinjifikat enormi fl-istorja ta' Malta. Ġrajja ferm importanti seħħet dakinhar tat-8 ta' Settembru tal-1943. L-Italja, l-għadu l-aktar viċin tagħna fit-Tieni Gwerra Dinjija, ċediet u


Impressjoni artistika tal-mument li l-Arċipriet Brincat jirċievi l-aħbar li l-Italja kienet ċediet, nhar it-8 ta' Settembru 1943.

ffirmat l-Armistizju mal-alleati. Fl-istess ġurnata l-flotta Taljana ċediet u ankrat fl-ibħra Maltin ukoll.

L-aħbar li l-Italja ċediet twasslet lill-Arċipriet Brincat li minn naħa tiegħu ħabbarha fost il-ferħ ta' dawk kollha preżenti għall-purċissjoni. L-Armistizju Taljan tat-8 ta' Settembru tal-1943 ħabat mill-ġdid (wara l-assedju tal-1565) mal-festa tal-Vitorja. Dan kellu jkun, skont il-kliem tal-Ammirall (li wassal il-bxara t-tajba), rigal kbir għal Malta. Fl-aħħar l-assedju kien spiċċa u l-gwerra tbiegħdet minn xtutna. Il-Maltin u s-Sengleani setgħu jibnu mill-ġdid il-futur tagħhom mingħajr biża' ta' ħbit mill-għadu li ġab ħafna tbatija għal tliet snin sħaħ.

## Ġieħ lil eroj kbir

Tabilħaqq l-1943 kienet sena importanti fl-istorja tal-Isla. Iż-żjara rjali tat ġieħ lill-eroiżmu Senglean matul il-gwerra. L-Armistizju Taljan tat-8 ta' Settembru 1943 huwa wkoll kapitlu b'ittri tad-deheb fl-istorja Sengleana. Iż-żewġ ġrajjiet kienu mportanti u sinjifikanti fid-djarju tal-gwerra Sengleana. Din is-sena nfakkru s-sebgħin anniversarju taż-żewġ avvenimenti. L-Arċipriet Brincat kien bniedem umli imma mimli b'kuraġġ u determinazzjoni. Kien raġel kbir tassew. Rev. Brincat sofra t-tbatija tal-gwerra flimkien mal-parruċċani tiegħu. Hu dejjem kien viċin in-nies u bla ebda dubju, min aktar minnu seta' jħabbar bil-ferħ lill-poplu Senglean, l-aħbar li l-Italja ċediet.

Dak il-mument kien wieħed ta' liberazzjoni mit-tbatija li l-poplu Malti u b'mod speċjali dak Senglean, kienu sofrew għal tliet snin sħaħ. L-arċipriet tal-gwerra Senglean, dejjem żamm profil baxx u rriskja ħajtu għax baqa' fiż-żona tal-periklu. Wasal iż-żmien li dan l-eroj ta' żmien il-gwerra jingħata l-ġieħ li jixraqlu fil-belt li tant ħabb u serva b'passjoni, kuraġġ u dinjità f'dawk iż-żminijiet diffiċli. Ir-Re Ġorġ VI innifsu baqa' mpressjonat bid-determinazzjoni u l-kuraġġ ta' dan il-qassis.

**Referenzi**

Joseph Attard, 'The Battle of Malta'; Allied Publications, 2011.
Brian Blouet, 'The Story of Malta'; Progress Press, 1987.
Alexander Bonnici, 'L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka – Santwarju ta' Marija Bambina', Vol III; Imprint, 1991.
Winston. S. Churchill, 'The Second World War'; Penguin, 1989.
Stanley Fiorini/Victor Mallia Milanes, 'A Case Study In International Cross Currents'; Salesians Press, 1991.
Victor Mallia Milanes, 'The British Colonial Experience 1800-1964'; Mireva Publications 1988.
Arrigo Petacco, 'La Nostra Guerra 1940-45'; Mondadori 1996.
J.M. Roberts, 'Europe 1880-1945'; Longman, 1990.
Michael J. Schiavone/Louis J Scerri, 'Maltese Biographies of the 20th Century'; PIN, 1997.
David Thomson, 'Europe Since Napoleon'; Penguin 1988.

Ir-ritratti li jidhru f'dan l-artiklu huma meħuda minn siti tal-internet.




